MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 271/2012

**A B**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku; l-Avukat Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli gew mahtura kuraturi deputati b'digriet tal-5 ta' Frar 2013 sabiex jirraprezentaw lill-minuri C B; l-Avukat Mark Anthony Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' E kjamati in kawza b'digriet fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi fil-29 ta' Settemrbu 2012 l-esponenti welldet lil tarbija bl-isem C B liema tarbija twieldet barra mir-rabta taz-zwieg.

Illi fis-17 ta' Marzu 2012, ftit gimghat wara l-koncepiment, l-missier naturali tat-tarbija kien involut f'accident li kkawza il-mewt tieghu.

Illi bhala rizultat ta' dawn l-fatti l-isem erronjament imnizzel fic-certifikat tat-twelid ta' C B huwa 'father unkown', meta fil-fatt l-isem ta' missier it-tarbija huwa maghruf.

Illi hemm testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw li dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Illi dawn l-fatti allegati huma maghrufa mill-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddkjara li t-tarbija bl-isem C B li twieldet lil esponenti A B fit-29 ta' Settembru 2012 hija l-wild ta' E;

2. Konsegwentament tordna lil konvenut (Direttur tar-Registru Pubbliku) sabiex jaghmel l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid ta' C B, liema certifikat huwa 'entry number' 4707 ta' 2012 (No. 1077105) u l-informazzjoni fil-kolonna bit-titlu 'father's name' li bhalissa jindika 'unkown father' huwa jibda jgib l-isem ta' E u il-konnottati kollha tieghu.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra bil-mod segwenti:-

1. Illi fl-ewwel 1ok jidher li hemm zball fin-nomenklatura tal-Qorti kompetenti ghaliex m'ghandniex qorti b'dak l-isem. Caso mai, il-Qorti kompetenti hija Prim'Awla (Sezzjoni tal-

Familja), u dan ai termini tar-Regola 4 tal-Avviz Legali 396 tal-2003 (L.S. 12.19 Ordni dwar it-twaqqif ta Sezzjoni tal-Qrati Civili li kawzi li jaqghu taht Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili jigu assenjati lil Prim' Awla (Sezzjoni tal-Familja).

2. Illi in limine litis huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri C B u li ghandhu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

3. Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali ghall-integrita tal-gudizzju li l-werrieta ta' E jkunu msejha fil-kawza galadarba f'din l-istanza qed jintalab li isem tad-defunti jigi insert fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B;

4. Illi l-attrici ghandha tipproduci c-certifikat tal-mewt ta' E peress li dan il-mewt m'huwiex ir-registrat hawn Malta;

5. Illi l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemrn f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqgha l-ewwel talba attrici l-esponent jinvita lil werrieta ta' E sabiex permezz ta' nota jispecifikaw id-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri C B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel C B. Tali informazzjoni hija rnehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit C B;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhu jassumi l-minuri C B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposti guramentati tal-kuraturi deputati ghall-minuri u ghall-eredi tad-decujus.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-azzjoni attrici l-attrici qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-minuri, li sallum huwa registrat fl-att tat-twelid bhala li ghandu missier mhux maghruf, huwa iben il-mejjet E.

Fl-affidavit taghha l-attrici tispjega c-cirkostanzi antecedenti l-kawza b'dan il-mod:-

"I started an intimate relationship with E (540114A) on the 10th October 2011 and since January this year I started cohabiting with Mr. Shazliay Saleh in a residence in Gzira. On the 17th March 2012, Mr. Shazliay Saleh was brutally murdered in Paceville and at the moment one person (Antonel Dobre) is undergoing trial for his death. At the time of Mr. Shazliay Saleh's death I was pregnant with his child. On the 29th September 2012 I gave birth to C B, who was registered with 'father unknown' status only because Mr. Shazliay Saleh was unable to recognize the child."

Skond certifikat tal-mewtipprezentat mill-attrici jirrizulta li l-imsemmi E miet fl-20 ta' Marzu 2012.

**Ligi Applikabbli**.

Il-provvedimenti legali applikabbli ghall-kaz in dizamina huma s-segwenti:-

***86A.*** *(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.*

***87.*** *(1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

***88.*** *It-tagħrif b'iben magħmul minn wieħed mill-ġenituri għandu effett biss għal dak li jagħmlu, u ma jagħti ebda jedd lit-tifel hekk magħruf kontra l-ġenitur l-ieħor.*

***100A.*** *F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

Artikolu 70A jipprovdi dwar it-test xjentifiku tal-paternita' maghruf bhala t-test tad-DNA.

**Prova tad-DNA**.

Skond 'DNA Paternity Test Report' rilaxxjat minn Dr Marisa Cassar fid-29 ta' Mejju 2013, konfermat b'affidavit fit-3 ta' Gunju 2013 li jinsab ezebit a fol. 33 tal-process, jinghad illi mit-testijiet xjentifici minnha kondotti fuq kampjuni genetici tal-omm kif imqabbla mal-profil genetiku tad-decujus jirrizulta illi effettivament il-minuri C B huwa iben id-decujus.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li t-tarbija bl-isem C B imwieled fid-29 ta' Settembru 2012 hija l-wild ta' E.

2. Tilqa' t-tieni talba, tordna li fuq l-att tat-twelid tal-imsemmi tarbija jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jitnizzel isem E bhala l-missier bil-konnotati kollha tieghu skond kif jirrizultaw min-nota li tinsab a fol. 65 tal-process.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------